# KWART ta' SEKLU BAŻILIKA **Dr Joe Debono**

Meta l-knisja parrokkjali u matriċi tan-Nadur ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Kolleġġata Insinji mill-Papa Ljuni XIII permezz tal-bolla "***Sanctae Romanae Ecclesiae***" tad-19 ta' Settembru 1894, il-Kapitlu tan-Nadur kien ġie mżejjen b'diversi privileġġi, li l-aktar importanti fosthom kienu:

i) l-Arċipriet ikollu sedje separata mill-Kanonċi;
ii) Id-dritt li l-Kanonċi jilbsu"*kappa manja miksija bl-ermellin, fl-Avvent u r-Randan*";
iii) li d-Dekan - jew fl-assenza tiegħu, il-Kanonku l-iktar anzjan jassisti bil-Kuda mal-Arċipriet meta dan iqaddes solenni; u
iv) Fil-festi "tal-Milied, l-Għid il-Kbir, l-Axxensjoni, is-Sollennità ta' Korpus, l-Għid il -Ħamsin, San Pietru u San Pawl, l-Assunzjoni ta' Marija, il-Qaddisin kollha, u San Koronatu", l-Arċipriet seta' jqaddes solenni b'mod pontifikali, jiġifieri assistit minn 7 Ministri. [1]

Iżda 11-il sena biss wara l-għoti ta' dawn il-privileġġi, il-Papa Piju X, bil-Motu Propriju ***"Inter Multipliees"*** tal-1905, ried jirriforma bi sħiħ il-liturġija tal-Knisja.[2] Din ir-riforma kienet tinvolvi s-sopressjoni ta' diversi privileġġi, inklużi dawk imsemmija iktar 'il fuq u oħrajn. Għall-poplu Malti u Għawdxi, li tant hu marbut mal-knisja tiegħu. din is-soppressjoni nħasset bħal sajjetta fil-bnazzi. Għalhekk, kemm l-Arċisqof ta' Malta Pietru Pace, kif ukoll l-Isqof Eamilleri ta' Għawdex, biex iżommu l-paċi, użaw id-deskrizzjoni permessa lilhom u ma applikawx dan il-Motu Proprju.[3]

Iżda l-Isqof Gonzi ta' Għawdex, fil-bidu tas-snin '30, deherlu li kien wasal iż-żmen meta l-Motu Propriju tal-Papa Piju X seta' jiġi applikat. Fil-fatt, fil-laqgħa li kellu mal-Kapitlu tan-Nadur fit-3 ta' Lulju 1933, infurmahom li kien se jitlob lill-Kongregazzjoni tar-Riti biex tagħtih parir jekk wasalx iż-żmien biex il-privileġġi mogħtija jiġu soppressi.[4] Rabat bis-silenzju mhux biss lill-Kanonċi preżenti, imma anke dawk futuri. Il-Kapitlu tan-Nadur mill-ewwel fehem x'qed igħid l-Isqof Ġonzi.

---

[1] Bonnic, Alexander O.F.M.Cov,. "In-NADUR. Ġrajjiet Kolleġġjata u Bażilka Imxebilkin Fil-Ħajja soċjali t'Għawdex. 1988 Vol. 2 p415.
[2] Id., p167
[3] Id., p168
[4] Id., pp415-416

Kienu jafu li bħala "*the man on the spot*", suppost kien Jaf iktar minn kull membru tal-Kongregazzjoni tar-Riti kif kien iħabbat il-polz Iokali. Kienu jafu wkoll, kif qaluli diversi membri tal-Kapitlu ħafna snin wara, li l-iktar privileġġ li kien jurta lill-Isqof Gonzi kien indubbjament dak tal-quddiesa pontifikali mill-Arċipriet u tal-*'Assistens Presbyter'* bil-kuda. In fatti, wieħed mill-Kanonċ ta' dak iż-żmien, wara ħafna snin qalli li darba waħda, waqt li l-Arċisqof Gonzi kien fid-dar tal-Arċipriet Cassar. qabel il-purċissjoni kien dar Iejn omm l-Arċipriet u qalilha: "*M'intix se tiġi sal-knisja biex tara 'l ibnek jilgħabha ta' Isqof?"*

Tħabat ħafna l-Kapidu biex jibqa' jġawdi l-privileġġi li kellu. iżda kien kollu għal xejn! M'hemmx bżonn ngħidu li l-poplu ħassu gravament offiż għas-soppressjoni. iżda grażżi għas-silenzju u l-kalma li żamm il-Kapitlu u l-Kleru tan-Nadur, il-paċi baqgħet tirrenja fir-raħal, wisq iktar meta l-Isqof Gonzi wiegħed solennament li "*Jekk xi kapitlu ta' xi waħda mill-Kolleġġjati li ntlaqtu, 'il quddiem, kellu jingħata l-privileġġi jew xi ħaġa minnhom, hu nnifsu jagħmel kull ma hu possibli għalih biex jerġgħu jingħataw lil tan-Nadur ukoll*".[5]

Iżda ż-żmien beda għaddej, il-privileġġi baqgħu soppressi. u kull ma imur il-poplu beda iħossu iktar offiż u rrabjat. Fil-fatt. fis-17 Lulju 1936.ġrupp imdaqqas ta' nies mar quddiem il-bieb prinċipalii tal-Arċipriet Cassar biex jistaqsi jekk kienx hemm xi speranza li I-privileġġi jerggħu jingħataw Iura. Sfortunatament l-Arċipriet Cassar ma kienx wild in-Nadur u lanqas qatt ma ppova jintegra ruħu mas-soċjeta lokali kien jifhem li seta' jikkontrolla b'id tal-ħadid. Għalhekk flok li ħareġ u kkalma ġemgħa miġbura bi ftit kliem diplomatiku, għoġbu jibgħat għall-pulizija li ressqu lil diversi minn dawk miġbura quddiem il-Qorti ta' Għawdex. Lkoll ġew liberati barra minn Pawlu Cassar li ġie mogħti garanzija ta' 50 lira li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn. Iċ-ċitazzjonijiet inħarġu fit-18 ta' Lulju, l-għada tal-attruppament. u l-kawza nqagħtet fit-30 ta' Lulju, 1936.[6] Inċident inqas ġravi kien ġara ftit xhur qabel, meta fratell - Salvu Vella - ftit qabel ma ħarġet il-purċissjoni tad-Duluri, beda jissuġġerixxi lil sħabu li ma jieħdux sehem fil-purċissjoni. Meta sema' dan id-diskors, l-Arċipriet kellu battibekk l-iktar sħun ma' dan il-fratell u oħrajn li qablu miegħu. Fil-fatt, tant kien hemm għajat fis-saġristija li ndaħlet il-pulizija u reġa'

[5] Id., p418

[6] Id., Arkivju Qorti t'Għawdex "Ċitazzjonijiet Kriminali", Mejju –Awwissu 1936. Vol. !!, Case no.55 (30/07/36)

kien hemm battibekk aħrax bejn l-imsemmi Salvu Vella u l-lspettur Carol Saliba, Malti li dak iż-żmien kien servizz Għawdex.

Tliet snin wara dan l-inċident faqqgħet it-Tieni Ġwerra Dinjija, jiġifieri f' Settembru 1939, u l-privileġġi ġew minsija quddiem din il-katastrofi li ġabet magħha l-qerda ta' miljuni ta' nies, inklużi eluf f'pajjiżna. Kien żmien ikrah li fih rajna l-ġuħ, il-mewt tal-għeżież tagħna u l-qerda ta' djarna u ta' bosta mill-knejjes tagħna. Iżda fl-1945, ġiet il-paċi mhux biss fl-Ewropa u l-Afrika, iżda wkoll fl-Asja fejn il-Ġappun ċeda wara l-qerda ta' Hiroshima u Nagasaki minn żewġ bombi atomiċi. U, bil-mod il-mod, pajjiżna wkoll beda jibni dak li l-għadu kien waqqa', u reġgħu bdew il-festi fl-ibliet u fl-irħula.

Monsinjur Gonzi kien issa sar Arċisqof ta’ Malta; u Għawdex kien taħt l-lsqof Ġuzeppi Pace li, f'laqgħa li saret fil-11 ta' Ġunju 1951, għarraf lill-Kapitlu tan-Nadur li mhux biss xtaq jara l -privileġġi soppressi restitwiti iżda wkoll wiegħed li jgħinhom biex jiġu mogħtija oħrajn ta' l-istess importanza. Però hu rrifjuta li hu personali jerġa' jiftaħ it-trattattivi relattivi għall-privileġġi soppressi mal-Kongregazzjoni tar-Riti.[7] Issa, fil-waqt li l-poplu Naduri żamm il-kalma għal diversi snin, f'Malta Birkirkara, li ġiet milquta mill-istess Motu Proprju, ħaditha qattgħa bla ħabel kontra l-awtoritajiet ekkleżżjastiċi; tant, li mhux biss ma ċċelebrawx iżjed il-festa tal-qaddisa patruna, iżda talli fl-1949 imbarraw il-bibien prinċipali tal-knisja parrokkjali bil-ġebel. U ta[i] dan l-aġir ġew ippremjati!! Biex tagħqad, f'Awissu 1951, l-Arċisqof Ġonzi fettillu jgħid lis-Sorijiet Franġiskani tan-Nadur li "*l-privileġġi din il-kolleġġjata tilfithom ħtija tagħha*".[8] Ir-reazzjoni tan-Nadur kienet immedjata. u diversi ittri u memoranda ġew mibgħuta minn Għawdex għal Malta u lura.

B’xorti tajba pero', f'Ġunju 1952, il-Papa Piju XII għoġbu jagħti lill-Kanonċi tan-Nadur dawn il-privileġġi:

i) id-dritt ta' "*l-uzu tal-pelliċċa fix-xitwa,”*
ii) ...tal-Ġunta tal-kanonċi;
iii) "u tal -buġija".[9]

[7] Id., Bonnici, Alexander ut supra, p.467
[8] Id., p466
[9] Id., p467

Tant feraħ il-poplu tan-Nadur li meta l-Isqof Pace - li kien tħabat ħafna għal dawn il-privileġġi - tela' ġon-Nadur lejliet l-Imnarja tal-1952, ġie miġbud b'ħabel minn numru kbir tà' rġiel quddiem il-knisja parrokkjali. Iżda l-ferħ ma kienx destinat li jdum, l-ewwel nett għax ħafna dehrilhom li jekk ta' Birkirkara ġew mogħtija d-dinjità ta' bażilka mħabba l-aġir tagħhom, kemm iktar kellhom jiġu mogħtija l-istess dinjità n-Nadurin li sofrew bil-kalma l-istess telfa? Barra minn hekk, l-istess Isqof Pace kien wegħedhom li jagħmel minn kollox biex din id-dinjità tingħatalhom! Ix-xrara li qabbdet il-ħuġġieġa feġġet meta fis-6 ta' Settembru 1958, Ta' San Ġorġ ġiet mżejna bid-dinjita ta' bażilka. Din id-darba, il-poplu ma riedx jaf iktar u la b'kompromessi u lanqas b'sabar. Fil-fatt, l-aħħar *"purċissjoni li ħarġet bi statwa*" fin-Nadur "*kienet dik tal-Madonna tar-Rużarju fil-5 ta' Ottubru 1958"*.[10] Għal aktar minn tmien snin il-purċissjonijiet bis-Sagrament biss baqgħu isiru.[11]
Il-poplu għadab bi sħiħ għall-Isqof Pace għax deherlu li dan kien naqas li jattwa l-wegħda li kien għamel lin-Nadur. Waqfet l-amministrazzjoni tal-Ġrima tal-Isqof, u bdew il-kitbiet oxxeni fit-toroq u l-ħitan kontra l-Isqof. tpinġijiet anke mal-ħitan tal-knisja u tfigħ ta' żebgħa għall-armi tal-Isqof. Kuntistabbli, li kien għassa f'wieħed minn dawn l-inċidenti, ġie nġustament trasferit lejn Malta anke jekk dan l-individwu tant kien qiegħed attent li mexxielu jwaqqaf grupp ta' żgħażagħ li ħarbu meta semgħuh ġej! Oħrajn li kienu suspettatti li setgħu ħadu sehem f'dawn l-inċidenti u oħrajn li nvolvew l-għeluq ta' toroq bil-ġebel ġew arrestati anke meta ma kien hemm l-ebda prova kontrihom u għalhekk ġew liberati wara l-interrogatorju. Fost dawn it-talin wieħed jista' jsemmi lis-Sinjuri Joe Said u Joe Zerafa.
Sadan it-tant, l-Isqof Pace kien sar "*persona non grata*" għan-Nadurin, u niftakar li darba, meta l-karozza tiegħu waslet qrib il knisja parrokkjali, dlonk inġemgħu grupp ġmielu ta' tfal u żgħażagħ, kulħadd igħajjat u jħabbat fuq il-karozza. Ix-xufier telaq malajr qabel ma l-affarijiet setgħu jikriehu. Iktar u iktar għadab il-poplu meta x'uħud saru jafu li għalkemm Monsinjur Pace kien wiegħed id-dinjita ta' bażilka lin-Nadur, hu kien jaf li dil-ħaġa kienet diffiċli ħafna, wisq iżjed minħabba l-fatt li hu nnifsu qatt ma ried jagħmel rakkomandazzjoni personali għal

[10] Id., p484
[11] Id., ibid

dan l-iskop. Il-Professur Oscar Testa, li ddisenja l-pulptu sabiħ li għandna, kixef ukoll li l-Arċisqof Gonzi kien esprima "*ġudizzju neġattiv*".[12]

Kien f'dan l-isfond tal-biki li xi individwi ta' karattru sod iddeċidew li joħolqu kumitat proviżorju biex forsi tinstab soluzzjoni għal dan l-inkwiet. L-ewwel laqgħa saret fit-2 ta' Settembru 1963 fis-7.30pm f'dar ġo Triq il-Kappillan Hili, fit-Triq tal-Għajn, li kienet ir-residenza f'Għawdex tal-Avukat Ġeorġe Zammit. Ħadu sehem f'din il-laqgħa dawn is-sinjuri: Michael Grima, Michael Rapa, Joseph Vella. Joseph Grech, Salvu Xuereb, Peter P. Camilleri u Joseph Said. L-Avukat Zammit kien il-konsulent legali.[13] Ġie deċiż li jiġi maħtur kumitat definittiv taħt l-isem ta' "***Kumitat Parrokkjali San Pietru u San Pawl***" li fih kellhom jieħdu sehem l-għaqdiet reliġjużi u soċjali kollha tan-Nadur. L-għan prinċipali kellu jkun l-akkwist tad-dinjita ta' bażilka fin-Nadur.[14] L-Avukat insista dwar is-segretezza tad-deliberazzjonijiet u ż-żamma tal-paċi da parti tal-membri tal-kumitat previst. Ġew maħtura uffiċċjali 'ad interim' dawn is-sinjuri: President - Michael Rapa; u Segretarju Joseph Said. L-Avukat Zammit kellu jitlob permess mill-Isqof Pace biex membri tal-Kleru jistgħu jieħdu sehem fil-kumitat previst.

It-tieni laqgħa tal-kumitat saret fit-3 ta' Settembru 1963 fit-8.00pm fid-dar ta' Joseph Grech fi Triq Xandriku. Il-laqgħa kienet xi daqxejn sħuna billi l-membri saru jafu li xi ħadd minnhom infushom. mingħajr il-permess rikjest tal-kumitat, kien ħareġ jiġbor xi flus u b'hekk seta' kiser is-segretezza mitluba u mwiegħda. L-individwu konċernat kien il-president li kien resaq fuq xi individwi separatament u talabhom donazzjoni biex ikopru l-ispiża ta' 20 lira li l-Avukat Zammit kien talab. Reġa' ġie deċiżi li ħadd ma seta' jitkellem dwar il-ħidma tal-kumitat.[15]

Ma jirriżultax li saru xi laqgħat oħra, iżda fil-11 ta' Meiju 1965, saret laqgħa fil-każin tan-Nadur Youngsters F. C., li f'dak iż-żmien kien fi Triq tas-Sajd u ġie elett il-kumitat definittiv taħt it-titlu ta' "***Socjeta SS. Pietro e Paolo***" u bil-għan li jsir dak kollu possibbli biex it-titlu ta' bażilka jiġi mogħti lill-knisja parrokkjali.[16]

---

[12] Id., p488

[13] ArkivjuParrokkjali Nadur, "Minuti tas- Socjeta SS. Pietro e Paolo. P. 1

[14] Id., ibid

[15] Id., pp 6-7

[16] Id., pp11-12

Ġew eletti dawn is-sinjuri:

- President: In-Nutar Dr. Joseph Cauchi
- Viċi president:  Dr Joe DeBono
- Segretarju: Joseph Said
- Teżorier:      Joseph Vella
- Asst/segretarji: Joseph Galea u Peter P. Eamilleri
- Asst/Kaxxier: Joseph Zerafa[17]

F’din l-ewwel laqgħa kien assenti il-President Dr. Cauchi u għalhekk ippresieda Dr Joe Debono. Ġie deċiż Ii tinħatar kummissjoni biex tmur għand l-Isqof Pace u tinfurmah bl-eżistenza ta' din is-Soċjeta. Bħala membri ta' din il-kummissjoni ġew magħżula is-Sinjuri Joseph Said u Joseph Vella billi dawn kien ġa kellhom kuntatti mal-E.T. dwar il-kwistjoni tal-bażilka.[18] Bħala rappreżantant ewlieni ta' din f'Ruma, ġie maħtur il-Professur Patri Pietru Pawl Zerafa, li dritt ġie nfurmat bil-ħatra u bl-għan tal-kumitat.[19] Fit tieni Iaqgħa, Ii saret fl-14 ta' Mejju 1965, f'dar fi Pjazza San Pietru u San Pawl, propjeta tas-Sur Joseph Vella, u li fiha baqgħu jsiru l-laqghat kollha. Il-kumitat ġie mogħti rendikont tal-laqgħa li l-kummissjoni fuq imsemmija kellha mal-lsqof Pace. Ġie deċiż ukoll li tintbagħat dikjarazzjoni għall-firma tal-lsqof Pace li fiha jiddikjara il-fiduċja sħiħa fis-Soċjeta *SS. Pietro e Paolo* u fir-rappreżentazzjonijiet tagħha f'Ruma. Iżda[20] f'laqgħa li saret fil-15 ta' Ġunju 1965, il-kumitat ġie mgħarraf Ii l-Isqof Pace kien irrifjuta li jiffirma id-dikjarazzjoni msemmija.[21]

F'laqgħat oħra ġie deċiż li tinkiteb ittra biex jagħti parir lis-Soċjeta dwar l-atteġjament Ii kellha tadotta ma’ kummissjoni oħra, titlob laqgħa mal-lsqof Pace u ma' l-Arċisqof Gonzi dwar id-dinjita ta' bażilka.[22] Sakemm saret Iaqgħa, is-Sur Joseph Vella mexxielu jakkwista numru ta’"*letter heads*" u envelopes tas-Soeieta ġentilment stampati u mogħtija b'xejn mid-ditta "Messrs. P. Bonavia" ta' tas-SIiema. Naturalment is-Soċjeta bagħtet tiżżikħajr lil din id-ditta għall-ġenerozita

[17] Id., pp13-14
[18] Id., p.12
[19] Id., ibid
[20] Id., p.14
[21] Id., p.16
[22] Id., pp.16-17

tagħha.[23] F'dil-ħames laqgħa ġie wkoll deċiż li tiġi fformulata petizzjoni biex tiġi ppreżentata għall-firma tal-Isqof Pace u tal-Arċisqof Ġonzi fejn jiddikjaraw li ma jsibux oġġezzjoni għall-għoti tad-dinjita ta' bażilka lill-Kolleġġjata tan-Nadur. Wara kellha tintbagħat ittra lil Monsinjur Palazzini, li dak iż-żmien kien segretarju tas-Sagra Kongreġazzjoni tal-Konċilju.[24] Fis-sitt laqgħa, il-membri ġew infurmati li l-Isqof Pace kien issuġġerixxa li s-*Societa SS. Petro e Paolo* tibgħat ittra lis-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti fejn tgħid li n-Nadurin jixtiequ jaraw il-knisja parrokkjali tagħhom tiġi elevata għad-dinjita ta' bażilka u li l-Isqof Pace ma kienx kuntrarju għal dan.[25]

Din l-idea m'għoġbitx lis-Soċjeta li baqgħet tinsisti lill-Isqof kellu jiffirma d-dikjarazzjoni proposta mis-Soċjeta, fejn tgħid ċar u tond li jaqbel mal-għoti ta' din id-dinjita. Ġie deċiż ukoll li jekk l-Isqof ma jiffirmax, allura s-Soċjeta tibda tieħu l-passi kollha li jidhrilha xierqa mingħajr iktar ma tinforma jew tieħu permess mingħand l-Isqof Pace.[26] Billi l-Isqof Pace baqa' jirriffjuta li jiffirma l-imsemmiha dikjarazzjoni, fit-tmien laqgħa ġiet maħtura kummissjoni, komposta mis-sinjuri J. DeBono, J. Said, J. Vella u P.P. Camilleri, biex tiltaqa' mal-Arċisqof Ġonzi.[27] Il-laqgħa fil-fatt, saret fit-3 ta' Settembru 1965, fil-Palazz Arċiveskovili, il-Belt. Kienet kordjali ħafna, u l-Arċisqof wiegħed li jagħmel ħiltu kollha biex l-għan tas-soċjeta jintlaħaq. Fil-fatt, is-Soqeta bagħtet tirringrazzjah għall-ġentilezza li kien wera mal-kummissjoni.[28]

Fid-disa' laqgħa ġie deċiż li jintbagħtu kopji ta' memorandum bl-istorja ta' kull ma kien ġara, lil Monsinjuri Pietro Palaznni u Ferdinando Antonelli, segretarji rispettivament tas-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju u tar-Riti.[29] Ittieħdet ukoll deċiżjoni li s-Soċjeta kellha taqta' kull konnessjoni mal-Isqof Pace. Fl-għaxar laqgħa, il-membri ġew infurmati li permezz ta' terzi persuni kien sar magħruf li l-Arċisqof Ġonzi kien mar fis-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti u qajjem il-kwistjoni tal-

---

[23] Id., pp. 17-18
[24] Id., p.18
[25] Id., p.20
[26] Id., pp 20-22
[27] Id., pp 22-23
[28] Id., p.24
[29] Id., ibid

bażilka tan-Nadur.[30] Intbagħtet wkoll ittra lil Monsinjur l. Cardinale, li allura kien delegat Appostoliku għall-Ingilterra u Malta, fejn ġie mgħarraf bis-sitwazzjoni mwiegħra eżistenti fin-Nadur, u meta dan ma rispondiex intbagħtu oħrajn reġistrati sakemm is-Soċjeta rċeviet risposta. Ġiet ukoll mibgħuta ittra twila lill-Qdusija Tiegħu l-Papa fejn fiha ġiet spjgata l-istorja kollha tal-għoti u t-tneħħija tal-privileġġi, u kif wegħda solenni tal-elevazzjoni għad dinjita ta' bażilka ma ġewx attwati. Din l-ittra ġiet indirizzata lill-Emminenza Tiegħu, il-Kardinal Ciriaci li f'dak iż-żmien kien il-prefett tas-Saġra Kongregazzjoni tal-Konċilju.[31]

Sadattant is-sitwazzjoni aktar bdiet titgħarraq meta s-soċjeta, non ostante il-wegħdiet verbali tal-Isqof Pace, fil-fatt hu qatt ma kien kiteb lil xi Kongregazzjoni biex jgħidilha li hu qatt ma kien isib l-ebda oġġezzjoni għat-talba ta' Bażilka da parti tan-Nadur. Fil-fatt ir-rappreżentant tas-soċjeta f'Ruma qal mingħajr tlaqliq: "*If you can get the Bishop to communicate personally with S. Congregation things will run much smoother. The S. Congregation already knows all your arguments. Only the Bishop can make it accede to your demands*".[32] L-istess Mons. Palazzini, f'laqgħa li kellu ma' kummissjoni tas-Soċjetà f'Ruma - komposta mill-W.R. Mons Mikiel Portelli, Arċipriet tar-raħal. u s-sinjuri Joseph Said u Joseph Vella, kien qal: "*Il Vescovo ha altre vie per comunicara colla santa sede*" Allura s-Soċjetà qabbdet lill-professur Dun Anton Tabone, wild in-Nadur, biex jikteb lill-Mons. Ferdinando Antonelli, li kien konsultur ta' diversi Kongregazzjonijiet f'Ruma u ħabib personali ta' Tabone, biex jindaħal fil-kwistjoni tan-Nadur. L-ittra ġiet mibgħuta lill-Professur Zerafa biex iwassalha personalment.[33]

Fit-8 ta' Ġunju 1965, il-Professur Zerafa għarraf lis-Soċjetà li kien irċieva l-ittra ta' Tabone kif ukoll oħra mill-Isqof Pace fejn dan iddikjara li mhux biss għandu pjaċir li Zerafa jirrappreżenta lin-Nadur, iżda wkoll li hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni għall-għoti tad-dinjità ta' bażilka lin-Nadur. "*Con la presente*", kien kiteb l-Isqof, "*Vi significo che non ho oggezione alcuna che Vi incarichiate di questa questione, ed anzi Vi auguro ogni successo*".[34] Iżda, kif igħid tant tajjeb il-proverbju Taljan, "*Al*

---

[30] Id., p.25
[31] Id., "Correspondance" , pp. 59-64
[32] Id., pp.70-71
[33] Id., pp.73-74
[34] Id., pp.74-75

*buon intenditor poche parole*". jiġifieri "*Għal min hu intelliġenti, biżżejjed ftit kliem biex jifhem*". U s-Soċjetà u l-konsulenti tagħha fehmu li "*Quei del Nadur...*" l-lsqof Pace kien qiegħed ipinġi speċjalment lis-Soċjetà - bħala nies ta' min jistmerrhom.

Għalhekk is-Soċjetà intensifikat il-ħidma tagħha. Il-professur Żerafa wkoll kiteb lill-lsqof Pace u qallu li s-Sagra Kongregazzjoni kull ma trid hi ittra ta' rakkomandazzjoni mill-lsqof tal-post. U hawnhekk, l-lsqof Pace ddikjara li hu kien rrakkomanda kemm-il darba l-għoti tad-dinjità ta' bażilka lill-parroċċa tan-Nadur. Qallu wkoll li kulħadd jaf min kien qed jostakola l-għotja mixtieqa: "*Sanno pure bene chi è che ostacola la concessione richiesta*".[35] Is-Soċjeta fehmet għal min qed jirreferixxi l-lsqof Pace, għax meta l-kummissjoni iktar 'il fuq imsemmiha kienet marret Ruma biex tindaga f'hiex kienu waslu t-trattattivi, prelat eminenti kien qalilhom ċar u tond li kull ma kien jonqoshom kienet daqqa ta' pinna mill-Arċisqof (jiġifieri Mons. Gonzi).

Ġie deċiż, għalhekk, li tmur rappreżentanza u tgħid lill-Arċisqof dan. Gonzi rrabja mhux ftit u tgħidx kemm ħabbat fuq l-iskrivanija ta' quddiemu. wisq iktar meta l - kittieb preżenti qallu li nNadurin dejjem ħassew li hu qatt ma ħabb lin-Nadur, u li hu kien l-uniku ostaklu għad-dinjità ta' bażilka. Kienet Iaqgħa sħuna li spiċċat b'nota ta' paċi meta l-Arċisqof reġa' wiegħed li meta jkun Ruma jagħmel ħiltu kollha għan-Nadur. Fil-5 ta' Meiju 1965, is-Soċjetà reġgħet fakkret lill-lsqof Pace li kienet reġgħet qorbot l-lmnarja, mill-ġdid ma kinitx ser tiġi ċċelebrata, kif fil-fatt reġa' ġara. dak in-nhar u anke s-sena ta' wara. Forsi għalhekk, fl-14 ta' Settembru 1965, l-Isqof Pace kiteb lill-Professur Zerafa fejn qallu li billi l-kwistjoni tan-Nadur ilha ħafna pendenti u li risposta posittiva hi mixtieqa ħafna talbu biex jindaħal f' ismu (jiġifieri f'isem Pace) u jitlob dil-konċessjoni lis-Saġra Kongregazzjoni tar-Riti.[36]

Sa dan it-tant, is-sitwazzjoni f'Għawdex kienet saret iktar aġitata. Ruma kienet bagħtet lill-Monsinjur Dominie Conway bħala Viżitatur Apostoliku. Wasal Għawdex fil-15 ta' Ġunju 1966. Fl-ewwel ġranet qagħad fis-Seminarju u mbagħad

[35] Id., p. 92
[36] Id., p. 88

f'Dar Manresa.[37] Għalkemm il-ġazzetti ħabbru l-miġja ta' Monsinjur Conway, ħadd ma kien jaf eżattament x'kien l-iskop tal-viżta tiegħu, pero ħafna sostnew li kien ġie biex jindaga dwar is-sitwazzjoni kerha li fiha kien jinsab Għawdex. Kellem bosta seminaristi u membri tal-Kleru Għawdxi kif ukoll numru ta' lajċi. Is-soċjeta bagħtet delegazzjoni komposta mis-Sinjuri J. Debono, J. Vella u J. Said biex jesponu l-każ tan-Nadur quddiemu. Il-laqgħa kienet kordjali ħafna u damet għal madwar 25 minuta. Ġie mogħti memorandum ta' kif kienu żvolġew ruħhom l-affarijiet mill-bidu nett sa dak inhar.

L-affarijiet dlonk tbiddlu għall-aħjar u b'pass imgħaġġel. Fit-3 ta' Marzu 1967 xterdet l-aħbar li Dun Nikol Cauchi kien tie maħtur Isqof Awżiljarju għaIl-Isqof Pace. Iktar tard, fl-istess xahar, Monsinjur Cauchi sar Amministratur Apostoliku għal Għawdex.[38] Is-Soċjeta bagħtet delegazzjoni għand Monsinjur Cauchi biex tifraħlu u turih l-għan tagħha. Il-laqgħa kienet kordjali ħafna u l-membri ta' din id-deleġazzjoni, komposta mis-sinjuri J. DeBono, J. Said u J. Vella. infurmaw lis-Soċjeta li kienu ħarġu bl-impressjoni li Mons. Cauchi kien jidher deċiż li tinstab soluzzjoni ekwa għas-sitwazzjoni mwiergħa f'Għawdex.

Imbagħad, f'Meju 1967, ġie f'Għawdex, Patri Ferdinando Ġalea, O.F.M., biex jindaga dwar il-kwistjonijiet annessi mad-diversi knejjes f'Għawdex. Is-Soċjeta mhux biss kelmitu fit-tul u tagħtu memorandum dettaljat bil-passi kollha li kienu ttieħdu, iżda bagħtitlu wkoll ruxxmata ta' individwi ppreparati sewwa biex jesponu l-każ ta' bażilka għan-Nadur. Is-Soċjeta qaltlu wkoll, u b 'mod l-iktar ċar, li jekk did-dinjità tiġi mogħtija simultanjament lil xi knejjes oħra, l-inkwiet f'Għawdex żġur li ma kienx ser jieqaf, bħal ma kien ġara meta l-Arċiprieti tan-Nadur, Għarb u Xagħra ġew mogħtija d-dinjità ta' Protonotarji Apostoliċi.

Il-laqgħa ma' Patri Ferdinandu kienet kordjali ħafna tant li hu ta' kopja ta' ktieb, li hu stess kien kiteb, lil xi membri tad-delegazzjoni, li mill-ġdid kienet komposta mis-sinjuri J. Said, J. Vella u J. DeBono. Kien f'dan l-isfond ta' ansjetà u speranza li nhar il-Ħadd, 25 ta' Ġunju 1967, erbat ijiem biss qabel il-festa ta' l-lmnarja, waslet

[37] Gauci, (Mons) Anton, "Ħwejjeġ li Rajna", Vol.1, Għawdex, 1981, p.321. Cfr. "Times of Malta" June 22nd, 1966, p.3
[38] Gauci, (Mons) Anton, op.cit, p.338
"Leħen is-Sewwa", 11 ta' April,1967, p.1

l-aħbar tant mixtieqa u mistennija li x-xewqa tan-Nadurin kollha, mhux biss fin-Nadur, imma anke f'pajiżi 'l bogħod, kienet realtà, u l-knisja kienet ġiet mgħollija għad-dinjità ta' bażilka[39] u ħafna ġazzetti ġabu l-aħbar.[40] Il-ferħ ġenwin li din l-aħbar nisslet kienet xi ħaġa indeskrivibbli, u żgur li qatt ma ninsiha! Nies xjuħ, żgħażagħ u tfal jaqbżu u jċapċpu bid-dmugħ f'għajnejhom ġol-pjazza. Ħafna daħlu ġol-knisja biex jirringrazzjaw 'l Alla u lill-Qaddisin Patruni tar-raħal, San Pietru u San Pawl, talli l-problema tar-raħal kien ġie riżolt.

F' inqas minn għaxar minuti u bla arranġamenti minn quddiem, carcade enormi telaq mir-raħal għal dawra ma' Għawdex, ħafna jgħajtu "*Viva l-Papa*", "*Viva l-Bażilka*", "*Viva l-Isqof Cauhi*" u anke "*Viva l-Patri*". naturalment għall-Patri Ferdinandu Galea. B'ħeġġa ta' l-għaġeb bdew isiru wkoll tħejijiet mgħaġġla biex l-Imnarja tiġi ċċelebrata mill-aħjar, anke jekk iż-żmien kien wasal sewwa u ħafna qatgħu qalbhom. Kummissjoni, komposta minn Joseph Mercieca (Iż-Żużu), u ibnu Edgar u J. DeBono, marret Malta u xtrat u ordnat in-nar kollu li kien possibbli. Ġiet approwċjata wkoll il-Banda "Victory" tal-Mellieħa. li aċċettat li tiġi tagħti s-servizzi mixtieqa. Il-prokuratur ikkuntattja lill-Maestro Camilleri biex jiġi bl-orkestra u l-kantanti tiegħu, u dan ukoll aċċetta. Ġew mistednin ukoll Baned Għawdxin: Victory (Xagħra), Prekursur (Xewkija) u San Ġużepp (Għajnsielem). Il-knisja ħallset €1006.75,[41] u l-kumitat proviżorju tal-festi estemi ħallas 'il fuq minn €1200. Il-ġenerożita tal-poplu Naduri kienet kbira daqs il-ferħ li kien vera għall-għoti tal-bażilka.

F'ħakka ta' għajn intramaw it-toroq u fuq il-bjut dehru jperpru mijiet ta' bnadar. Il-knisja f'dawk il-jiem kienet tkun maħnuqa bin-nies. U f'erbat ijiem saret festa li "*considerantis considerandis*' kienet tipparaguna ruħha mhux ħażin ma' dawk ta' snin oħra.

**Ċertament, però, l-ebda Mnarja oħra ma ġabet daqshekk ferħ!**

---

[39] Bonnici, Alexander, op. Cit, p.509.
[40] Cfr."Leħen is-Sewwa", 29 ta' Ġunju, 1967.
"It-Torċa", 2 ta' Lulju,1967.
"Il-Qawmien", 2 ta' Lulju, 1967.
"Iż-Żmien", 26 ta'Ġunju, 1967
"l-Orrizont", 26 ta'Ġunju, 1967.
"il-Ħajja f'Għawdex", Mejju-Ġunju, 1967.
[41] Arkivju Parrokjali, Nadur, Veneranda Lampada", ħryġ 1957-1974, f.122